# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**90.** **21 ta' MEJJU 1910.** **IT-TIENI SENA**

FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

# Fortunatu Mizzi.



Ħames snin ilu, seŭŭa seŭŭ f'it-tmintax ta' Mejju, Malta collha ehienet mixgħula ħuġġieġa ŭaħda, imħaŭŭda ta' taħt fuk, u ma contx tara ħlief nies imniccta gozz, gozz, jitchellmu inqŭieti ma' xulxin, bosta minnhom imbicchija, vistusi, bħallichiecu chienet laktithom xi disgrazzja cbira. Tafu xejn x'chien ġara? Chien miet il **CBIR PATRIOTTA, L-AVUCAT FORTUNATU MIZZI**, il bniedem li chien maħbub minn cullħadd u u li ma chellu katt f'għomru għal tjubitu u għal għamilu ħlief għedeŭŭa politici. Ŭara ħamsa u għoxrin sena taħbit għal pajjisu, b'sacrificcji cbar ta'l professjoni u ta'l familja tiegħu, niżel jistriħ f'il kabar u il Maltin minn hemm il haŭn ftit ħabblu rashom bih biex ma ingħidx li ftit huma daŭc li għadhom ma inseŭhx għal collox. Għidt ħamsa u għoxrin sena għaliex Mizzi ħareġ jiccumbatti f'il politica fl-1880 u beda jfarrac bl-articoli kaŭŭija u sbiħ tiegħu f'id-« *Diritto* » ta' Paŭlu Manara patriotta u letterat ieħor m'il minsija, u f'il ħabta li fl-istess gazzetta chienu jictbu ucoll l-Imħallef Roncali, l-Avucat Castaldi, il P. L. Ciccu Azzopardi ma' xi oħrajn. Billi dac iż-żmien il Cunsilieri chien cullħadd joħroġ għal rasu u bi programm għalih biex jiccumbatti il Gvern, l-eŭŭel ħsieb ta' Mizzi chien li jiġbor flimchien il Cunsilieri taħt bandiera u fehma ŭaħda biex jiċcumbattu il Gvern għalenija; u dana chien il bidu ta' politica għaklija u għarfa ħafna u li fiha Mizzi chien irnexxa billi ħalak partit kaŭŭi li għadu jferfer sa'l ġurnata ta'l-lum. Chien hu ucoll li beda biex iccumbatta l-Elezzjonijiet Ridicoli u beda politica oħra ta's-serjetà u ta'l argomenti.

Fl-1884 dehret il « MALTA » li ma bdietx tattacca l-għedeŭŭa politici b'daŭc il ħafna pastażati u personalità ta' xi gazzetti ta' kabel; u baka biha jiccumbatti biex tisseŭŭa il Costituzzjoni sa chemm fl-1887 irnexxielu li jiddobbalna Costituzzjoni li cullħadd chien ħareġ cuntent biha.

Ma hemmx bżonn li nokgħod indomm ħaġa b'ħaġa il għamil tiegħu collu u chemm tħabat u chemm bata għal pajjisu għaliex huma ħŭejjeġ frischi ħafna u li fihom meta tfaccru jiftacar cullħadd. Jiena illum ma ridtx ninseġ il biografija tiegħu jeŭ nicteb l-istorja ta'l politica tiegħu collha; iżda biss ridt infaccarcom fih ħalli ismu ma jmut katt fi klubna chif jixrak u ħalli f'da'l ġranet niftacru ftit f'il gid cbir li xtak jagħmlilna.

Ctibt ucoll da'l chelmtejn biex nara nistax nistembaħ m'ir-rakda kalila li jinsab taħtha il dac il Cumitat li chien tŭakkaf biex jagħmillu statŭa ħalli min jigi ŭarajna u ma laħkux ijcun jista jcun jaf min chien u jibka jiftacar fih. L-ingratitudini hi ħaġa cherha ħafna u għalhecc min intriga hemm bżonn li jitkankal ħalli il monument li chienu bi ħsiebhom ijŭakkfulu, naraŭh m'il actar fis bħala turija li aħna ma aħniex nies bla kalb li malli jinżel it-trab fuk ŭic-

ċhom ninseŭ il daŭc il ħafna nies ta' kalb cbira li jcunu ħadmu u bateŭ għal gid tagħna.

B'dina it-tifchira ta' nichet nitma li minn fommcom, tielgħa minn klubcom, toħroġ talba ħanina għal mistriħ ta' ruħu u li ma jdumx li jitkankal il Cumitat biex naraŭ imtalla dac il monument li chienu bi ħsiebhom ijŭakkfu lil dana il CBIR PATRIOTTA U GALANTOM li ħadem u tħabat ħafna għal gid tagħna il coll.

# FRAĊ.

Nifraħ b'il kalb collha lill Can: Dun Lŭig Attard D.D. talli l-Iskof għoġbu jaħtru bħala Vicarju tiegħu f'loc il mejjet Dun Salv Grech. Il Can: Attard hu miġjub ħafna għaliex barra milli hu bniedem ta' ħila magħrufa hu ucoll ragel dħuli u għalhecc l-Iskof ma satax jagħmel għażla aħjar.

★

Da'l ġranet smajthom ijfaħħru ħafna il Banda « VILHENA » ta'l Furjana għal programm sabiħ li dakket ftit ilu. Ġa la darba dina il Banda kiegħda taħt il bacchetta ta's-Surmast Hare, li hu magħruf minn cullħadd għal ħila cbira tiegħu, ma satax jonkos.

★

Disgrazzja cbira ġrat ftit ilu fl-Imsida lill certu Toni Caruana. Dana chien gejj f'carrozzin, ma' tliet ħbieb oħra, m'il caċċa, x'ħin ħadlu l-azzarin li chellu u laktu f'żakku hecc icreħ li miet fl-Isptar f'il għaxija stess.

★

F'it-22 ta'x-xahar fl-Argotti sejjra issir fiera u festa m'il Banda « La Vallette » għal gid ta'l Mŭtuo Soccorso ta'l Istess Banda u li issa jistgħu jidħlu fiha daŭc li ma humiex bandisti ucoll. Għalhecc daŭc ta'l ħŭienet u daŭc in-nies ta' kalb ħanina li jridu jibagħtu xi rigali jagħmlu ħaġa seŭŭa ħafna billi jcunu kiegħdin jincoraġġixxu opra ta' carità cbira.

★

Id-dinja collha hi mimlija bl-isem ta' Paulhan, il famus franciż li rebaħ il premju ta'l għaxar t-elef lira li tat id-*Daily Mail* għal min jasal l-eŭŭel fl-areoplan minn Londra għal Manchester, u ŭasal hu fost applaŭsi u għajjat ta' ferħ u għadda lil White li kabel chien miżmum bħala l-akŭa ŭieħed. L-istess gazzetta issa għamlet premju cbir ieħor għal min jasal l-eŭŭel bl-areoplan ucoll minn Londra sa Edinburgu u nitma li jieħdu dan il kalbieni Paulhan ucoll. Dal ġranet rebaħ premju ieħor ta'l għoli billi bl-areoplan tiegħu tala sa 1250 metru. Nistgħu mela ingħidu ferħana li il bniedem b'il ħila u bl-intelligenza cbar tiegħu rebaħ is-saltna ta'l ajru !

★

Is-Sur Ruġġieru Muscat irtira b'il pensjoni minn Registratur-Cap ta'l Krati ta' Fuk ŭara żmien tŭil li fih serva il Gvern u il poplu b'ir-rekka ŭ b-imgiba tajjba. Għalhecc ħakku li issa jistriħ erba t-ijiem b'il qŭiet u dana aħna nixtiekuhulu b'kalbna collha. F'locu laħak is-Sur L. Benjacar u cullħadd feraħ b'il għażla tiegħu għaliex hu bniedem m'hux biss intelligenti u studjus ħafna iżda ucoll dħuli ma'n-nies u dejjem serva il poplu u keda dmiru b'ir-rekka collha. Ana nixtiekulu ħajja tŭila u kaŭŭija sħiħa ħalli jgaŭdi il post li gie imgħolli fih.

★

Is-Sultan il ġdid, ĠORĠ IL ĦAMES, chien gie Malta fl-imchien ma'l mara tiegħu, ir-Regina Marija, fl-1901, fuk il bastiment *Ophir;* u cullħadd naħseb li għadu jiftacar chemm chien milkugħ u chemm fraħna bih. Nitma għaldakstant li ma jinsiex dina il miġja u l-imħabba tagħna lejh u li jħabrec ftit biex incunu maħcuma xi ftit aħjar minn dac li aħna issa. J'Alla !

★

Il gazzetti collha kiegħdin ijfaħħru ir-Regina Alessandra ta' chemm ŭakfet ma's-Sultan żeŭgħa, kabel miet. Dina ma ħallietux ŭakt ŭieħed biss u meta rat li għadda għal ħajja oħra infexxet f'bichja bla tarf. Fl-aħħar mumenti daħħlu lil uliedu collha ucoll barra m'ir-Regina ta'n-Norveġja billi chienet tinsab f'pajjis ieħor u it-tabib curanti tiegħu Sir James Reid u it-tobba l-oħra chienu hemm ucoll; iżda hu chien mitluf, u ma giex fih innifsu ħlief darba meta taŭh l-aħbar tajba li ŭieħed m'iż-żŭiemel tiegħu ħa l-eŭŭel f'tiġrija u rebaħ premju sabiħ, billi hu dana il-logħob chien ijħobbu ŭisk, u għalhecc feraħ ħafna. It-tabib tiegħu kal li chellu ftit ta'l asma ucoll u ircada m'il bronchite li chien ħa fi Biarritz billi ħareġ ijdur f'il ġonna ta' Sandringham ŭara li collox chien niedi b'il ħafna xita li għamlet. L-aħħar chelmiet li kal chienu :— « Naħseb li kdejt dmiri seŭŭa » u ftit ŭara għasfar.

★

Fl-Inghilterra collha, u l-actar f'Londra hemm vistu cbir ŭisk u cullħadd liebes l-isŭed; dana jdum għal tliet xhur sħaħ u l-irgiel ŭara dana iż-żmien ijbiddlu l-ingravata minn seŭda fi vjola, ħaġa li daħlet moda f'il meŭt ta'r-Regina Vittorja. Il kniepen ta'l cnejjes collha nakkru il ġurnata collha u il Papa ordna li jsirlu it-talb. M'id-dinja collha u minn għand is-Slaten collha kiegħdin jaslu eluf ta' telegrammi biex jatuhom l-għomor u biex ijfissrulhom il għafsa ta' kalb ħarxa li ġarrbu għal dina it-telfa hecc cbira.

★

Ir-Re jigi midfun f'il Cappella ta San Ġorġ f'Windsor f'il gimgħa ta' Pentecoste; u l-iscultur famus Brusejoy ħadlu mascra ta'x-xama biex ijcun jista jagħmel l-istatŭa tiegħu. Is-Sultan il ġdid ħareġ Proclama li fih għarraf li il funerali ta'l mibchi Edŭardu VII jsiru f'il 20 ta' dana ix-xahar u għalhecc dic il ġurnata għandha tigi magħduda bħala vistu ta'n-nazzjon; u għalhecc ħadd ma jaħdem fiha u ma jsir l-ebda divertiment. Edŭardu ma ħalla l-ebda gid cbir ŭarajh billi meta laħak Sultan ma chellu xejn imfaddal u l-470,000 lira li chellu f'is-sena bħala Sultan chien collha jonfokhom spejjes u xalar.

★

Nifraħ b'il kalb collha l'is-Sur Carlu Lŭigi Borg, is-surmast tant magħruf ta'l Isla, li f'it-tnejn u għoxrin sena li ilu jgħallem ħarġu tant żgħażaħ imħarrgin tajjeb minn taħt idejh, talli fl-aħħar esami li chien ħemm ta'l apprendisti għa't-f'April li għaddha, m'il erbgħa u għoxrin li għaddeŭ (fost mitejn) sebgħa chienu m'il Culleġġ tiegħu. Dana jagħmillu l-aħjar tifħira u l-aħjar tifħira u l-aħjar raccomandazjoni għaliex juri li jrf ijgħallem bi ħrara cbira l'it-tfal li jerħulu taħt it-tiegija tiegħu.

D'il gimgħa il Belt ġrau żeuġ fattijiet coroħ ħafna li compleū chexcxu in-nies actar milli chienu b'il biża. L-eūūel ūieħed hu li xi ħadd serak minn għand Lipton ta' Strada Reale ma'l ħames mitt lira, ħareġ u ħalla il bieb miftuħ ūarajh u l-ieħor li xi ħadd tajjar b'dinamite il ħanut ta'l parrucchier Cutajar ta' Strada Teatro, f'il ħin li jcunu għaddejjin in-nies għal Manoel, f'id-disgħa u qūart ta' f'il għaxija. Imn'Alla li ma inzerta chien għaddejj ħadd għaliex il ħgieġ baka sejjer sa fejn l-Istamperija ta'l *Chronicle* u f'il vetrina ta'l faċċata baka dieħel donnu vlegeġ, għax sgur chien joktol ħafna nies. Il ħanut imbagħad kabad u xorti li chien hemm il baħrin f'ħanut f'il krib biex tfeūū in-nar għaliex chien jakbad il qūartier collu, Hakku ta' min ijfaħħru tasseū, certu Ġużè Buhagiar talli daħal ġo id-dħaħen u in-nar biex salva baħri li chien għaxi geūūa billi kata nifsu, u dan Buhagiar għal bravura li għamel għal ftit ma ħalliex ħajjtu hu ucoll billi it-tabib ħabriechi Bernard lahku tista tgħid fgat. Għal dana il curaġġ cbir li ūera ħakku minn jagħmillu il kalb b'xi premju u lill baħrin ucoll; u nitma li il pulizija tfarfar ftit rixa ħalli takbad lil dauna il ħafna banavolji li kiegħdin jagħmlu dauna id-delitti tant coroħ taħt imnieħirha forsi biex juruha li ma għandhom l-ebda biża minnha billi jafu li ħafna minnha ma humiex b'iż-żejjed biex jakdu dmirhom.

★

Hafna nies faħħruli sħiħ il Dun Ġużepp Busuttil, Cappillan ta' Marsaxlocc għal ħrara cbira li kiegħed juri għa'n-nies ta' dac il port m'hux biss iżda biex minn flusu jcabbar il cnisja ta' hemm billi saret żgħira ūisk għal cumdita ta'l poplu. Nitma li xi benefatturi ta' kalb tajjba jgħinuh palata chif jixrak u jecc ijcunu jridu jagħmlu dan jistgħu jħallu il flus għand Dun Franġisc Vella ta'l Curja ta'l Iskof. Alla jcattarlu cull risk u jatih għomor tūil għal gid ta'l erūieħ u biex ijgħaddi il dic il parroċċa dejjem il kuddiem.

# Ahbarijiet ta' Barra.

**Inħabbru b'il kalb** collha li għa's-sajf li gejj sittax il biċċa ta'l gūerra americana għandhom jiġu jagħmlu żjara f'il Mediterran u għalhecc Malta ucoll; u billi fukhom sejjrin ijcun hemm m'al erbatax il elf ruħ tistgħu taħsbu jecc ijkallgħuniex buccun ħobż ta's-smid f'il ftit ġranet li jdumu haūn. Għandna bżonnha għa'n-nixfa ta's-sajf d'il bexxa xita!

**L-Ingliżi** tellgħu il bandiera fuk il il gżira Herd, fl-Arcipelagu Franċiż.

**Il gūerra bejn it-Toroc u l-Albanisi** ħraxet għal l-aħħar. It-Toroc ibbumbardaū ir-raħal Godantz u katlu bejn nisa u tfal, ma'l ħames mitt ruħ; iżda l-Albanisi b'hecc ma humiex sejjrin jaktgħu kalbhom billi għalenija ūaħħlu f'rashom li imkar jecc jinkerdu sa'l aħħar ūieħed taħt il madmad iżjed ta't-Toroc ma jokogħdux.

**Il Lake Charles City**, f'il Luisiana, fl-America, inħarket u hemm ma'l ħames t-elef ruħ li ma għandhomx fejn ijdabbru rashom. Il ħsara tlaħħak ma'l miljun lira sterlina. Hemm mejjta ucoll xi nies.

**F'Sion, fi Spanja**, in-nies riedu joktlu tabib għaliex għamel certificat li tifla ta' għaxar snin chienet mejjta f'il ħin li dina chienet mitlufa biss taħt għaxūa kaūūija. Meta għalkuha f'it-tebut it-tifla stembħet iżda damu ma semgħuha u meta fetħulha chienet tant katgħet nifisha li ūara ftit mietet tasseū. Meta jmutilcom xi ħadd kejsu li it-tabib jeżaminah seūūa li ma tmorrux tidfnuh ħajj bħal ma jiġri u ġara bosta drabi!

**F'Parigi** billi il misħut lussu fuk in-nisa chiber bla tarf beda jsir ħafna serk m'il ħūienet meta jcun hemm il folla anche minn sinjuri ta'l aħjar soċjetà. Dan l-aħħar xbejba ta' ūaħda m'il aħjar familji serket manxò li jkum xi tliet liri iżda inkabdet. Niesha talbu li jħallsu imkar erbgħin darba li chien jisūa basta ma tigix iccundannata fuk serk, iżda il Hakk għamel tiegħu u giet imūaħħla xahar ħabs. Meta rat ruħha iddusunurata ħarget revolver f'il Korti stess, sparat għal rasha u bakgħet mejjta. Rajtu f'hiex ijūassal il misħut lussu hux!

**F'Baltimora**, fl-America, ftit ilu ġara fatt li jchexchex. Certu George Robish li chien jaħdem f'il minjieri chien mibgħud ħafna minn sħabu għaliex chienu jifhmu li chien il ūidna ta'l capijiet ta'l minjera u li hu li jsefsfilhom cull ma jiġri. Chien nhar ta' Gimgħa x'ħin sicru, marru ħabtu għalih ġo daru, xeddeūlu curuna ta'x-xeūc, sammruh mn'idejh u riġlejh bl-imsiemer fuk salib u x'ħin arbulaūh f'ħofra bdeū jinsultaūh, jisfnu, jdokku, ijgaraūh b'il gebel u jatuh b'il mus. Għad li ūaslet il Pulizija u niżżlitu ūara ftit miet fost ugiegħ l-actar cbir. Bosta minn dauc il klub ta' tigri geūū arrestati.

**F'San Pietroburgu**, ftit ilu, ġara delitt icreħ ūisk. Certu Captan chien għarus it-tifla ta'l miljunarju Gorschin u jum ūieħed x'ħin chien kiegħed jiecol għand il għarusa beda jinsulta il ħutha, żeuġ żgħażagħ, li in-neguzjanti huma ħafna ħallelin. Daūn nafru u ħebbu għalih. Meta ra hecc ħareġ ir-revolver u spara fuk cullħadd u katel il dauc it-tnejn, lil missierhom u lil għarusa ucoll! F'hiex ijūassal ix-xorb meta jitla f'ir-ras!

**F'Messina**, ftit ilu, għamel riefnu li jūaħħax u ūakka ħafna minn dauc id-djar li chienu tgħeżżu b'it-terremot ta'l 1908. Barra minn dana sar ħruk cbir f'id-depositu ta'l injam ta'l barracchi u għal ftit ma tajjarx fl-arja il porvlista ucoll. Donnha Messina ma tridx tinbena m'il ġdid.

**F'Whitehaven**, fl-Inghilterra ġrat disgrazzja li tbicchi. Xi mija u erbgħin minatur chienu jaħdmu f'miniera ta'l faħam xi ħames mili taħt il baħar. Dina kabdet u dauc l-imsejcnin bakgħu collha mixūijin ħajja. Ma salvaūx ħlief xi erbgħa biss. Is-Sultan il Ġdid ittelegrafa minnufih biex juri lil familji tagħhom li għela tasseū għal din it-telfa ħarxa.

**L'is-Sultan Edūardu** daħlu raūħ xi 350 nies ta' familji reali u xi ħamsin elf ruħ m'il poplu. Għal funeral sejjrin jaccumpanjaū għoxrin sultan milli kiegħdin jirrenjaū.

Min ijrid jixtri LINCA TA'L ISTAMPA seūda għal cotba jeū għal ġurnali, ta'l famusa **Fabbrica Lorilleaux**, bi rħis, jicteb Strada San Vincenzo No. 12, Ta's-Sliema.

# Il Cometa Halley.

( *Tissocta minn numru ta' kabel.* )

L-antichi chienu jgħidu li il cometi ma chienux ħaġa oħra ħlief carrijiet ta'n-nar li chienu sejjrin bl-erùieħ ta'l in-dannati għal infern. U dana ma kalux xi ùieħed ta' ùara il muntanji iżda Whiston, dac li laħak Professur ta'l Matematica fl-Università ta' Oxford ùara Sir Isaac Newton. Daùna il cometi ħaùùdulu tant rasu li chiteb opra imsejjħa « *A New Theory of the Earth,* » u li fiha kalhom tant ħoxnin li meta nakraùhom illum ma nistgħux ħlief inżommu żakkna b'id-daħk biex ma tmurx tixpacca.

★

X'ijgħid Trevena fuk il pericolu? Ijgħid li ma hemmx għalfejn nimleù rasna; iżda jgħid ucoll li xi darba jista jiġri li cometa taħbat magħna u tagħmilna trietak; u jfehimna li m'hux l-eùùel darba li f'd'id-dinja ùakgħu bcejjeċ ta' ġebel minn xi dinjiet imfarrca u li bosta drabi cùiecheb sbiħ li chienu jaraùhom l-astronomi collha ħin bla ùakt saru bħal ħuġġieġa nar u ma dehrux iżjed, actarx imfarrca, bħal ma ħasbuha Newton u Halley, minn xi cometa.

★

Naraù issa x'ijgħid il Prof: H. H. Turner, D,SC; F.R.S. u Prof: ta'l Astronomija fl-Università ta' Oxford, fl-articolu li chiteb f'in-NASH'S MAGAZINE ta' Mejju li aħna fih. Dana faccarna li il pesta u in-nar il cbir li kered Londra fl-1665-66, chienu kalu li chienu ħtija ta'l cometa li dehret f'dic il ħabta u Milton stess chien jifhimha hecc b'għerfu collu meta canta f'il « *Paradise Lost* » :— *A comet that from his horrid hair shakes pestilence and war.* » Cranmer ucoll fehem li id-dehra ta'l cometa ta'l 1532 ehienet il caġun ta'l pesta li ħacmet fuk l-Inghilterra. Faccarna ucoll li meta Newton sab il *ligi ta'l gravitazzjoni* (igifieri chif il pjaneti f'is-sema jiġbdu ùaħda il l-oħra) u chitibha fi ctieb li semmih *Principia,* billi chien fkir u għalhecc ma chellux flus biex jistampah, Halley ħareġ il flus minn butu hu għad li ma tantx chien jista lankas biex xerred ma'd-dinja dac id-daùl ta' għerf cbir li chien ħiereġ minn moħħ Newton f'loc li għier għalih. Fuk il periclu dana il għaref astronomu ijgħidilna:— « *But there is no need for alarm* » igifieri li ma għandniex għalfejn nibżgħu, u jgħidilna għala :— « *we passed through a comet's tail in 1861 without noticing it, and though gases of a poisonous character may be present, they are in a state of extreme tenuity—say 100,000th of the atmospheric pressure. And if they do happen to mingle with the higher reaches of our atmosphere, they may take long to reach us at the bottom of it. The dust shot up high into the air by the Krakatoa explosion in 1883 took years to fall down again. A comet's tail may be more flimsy than these statements suggest—it may possibly be less than nothing. The suggestion has been made (though it still remains to test it) that the tail is no more substantial than the wake of a steamer or the ripples from a reed in the stream. We know that matter is continually being shot out from the sun in all directions. Possibly the head of a comet stems the stream as it meets it, and in doing so renders it visible. If the tail of a comet is formed in this way, then on the night of May 18* WE SHALL MERELY BE A LITTLE MORE SHELTERED THAN USUAL INSTEAD OF BEING EXPOSED TO ANY SPECIAL DANGER. *In any case the situation will barely be noticeable.* » Fi ftit cliem, scond chif ijrid ijfehimna dan il għaref astronomu m'hux biss li f'it-18 ta' Mejju ma incunux f'il pericolu u li ma nintebħu b'xejn ħażin, iżda li actarx incunu xi ftit actar f'is-sod, u għalhecc ma għandniex għaliex insaħħnu rasna fukha.

★

M'ix-« SCIENZA PER TUTTI » nieħdu illi scond il calcoli li saru fl Frar li għaddha id-diametru ta'n-nucleù chien m'hux ankas minn 307,900 chilometru u it-tul ta'd-denb xi tmien miljuni chilometri. F'il 20 ta' April chienet bogħod m'ix-xemx 91 miljun chilometru, u chienet miexja 42 chilometru cull minuta seconda f'il ħin li id-dinja ma tiġrix ħlief 31. Meta f'it-2 ta' Mejju għaddiet minn fejn Venere chienet bogħod minn dina il pjaneta xi għaxar miljuni chilometri, u jecc Venere fiha in-nies għandha tùaħħaxhom b'id-daùl tagħha billi tgħaddi ħafna actar f'il krib milli tgħaddi m'id-dinja tagħna.

F'it-18 ta' Mejju in-nucleù ta'l Cometa jcun bogħod ħmistax il miljun chilometru minnna, f'il ħin li fl-1835 ma chienx bogħod ħlief tmien miljuni, u għalhecc il Cometa m'hux biss dehret ħafna actar u b'daùl ùisk akùa iżda la ma għamelx ħsara f'dic is-sena ma nafx għala għandu jagħmilha issa li sejjra tgħaddi actar f'il bogħod. Nibkgħu nistgħu naraùha sa'l aħħar ta' Ġunju; u minn chemm haùn nies ħajja ftit huma daùc li jerġgħu jaraùha jeù li jcunu jistgħu jiftacru f'dina id-dehra t'issa.

Sa chemm dina il Cometa ilha tidher minn għoxrin seclu sħaħ ùieħed jista jifhem li hi magħmula minn xi ħaġa soda li ma tinħallx jeù tixxerred malajr. Jitimgħu ħafna li billi issa jistgħu jużaù għal eùùel darba l-ispettroscopju (strument li bih jistgħu jaraù x'metalli jidħlu fiha) jcunu jistgħu jaktgħu dina ix-xeùka cbira. Il fotografija tgħin ħafna ucoll, billi irritratt li jittieħed għad li jcun żgħir ferm jista jitcabbar ħafna u jaraù sa fejn ma jùassalx it-telescopju.

★

Nifthu ftit il ctieb famus ta'l imfaħħar astronomu american, Prof: W. H. Pickering, imsejjaħ *Popular Astronomy,* u insibu li fl-aħħar darba li deheret, fl-1835, meta ùaslet f'il *perielju* (igifieri f'il post l-actar vicin lejn ix-xemx,) tilfet id-denb li ma raġax beda jidher ħlief meta ùaslet ħdejn il pjaneta Marte, u dana id-denb ma chien jixbaħ xejn il ta' kabel.

Sir John Herchell jifhem li in-nucleù jdur fuk il pern tiegħu bħal ma iddur id-dinja għax gie li ra, fl-1835, in-nar jittajjar minnu bħal ma raddiena ta'l gigdifocu ittajjar minnha is-suffarelli.

Hooke, sa m'il 1685, ra li id-denb hu magħmul m'in-nar li jittajjar u li jintafa l-ura minn nucleù.

Scond Cowell u Crommelin, il famusi astronomi ta'l Osservatorju ta' Greenwich u li għamlu tant studji sbiħ fuk dina il cometa li l-Università ta' Oxford sejjra tippremjahom, kalu li l-aħjar post biex jaraù il Cometa huma l-Aùstralja u il Ġappun; u dina hi telfa cbira għa'x-Xjenza għaliex iż-żeùġ telescopji li hemm il dic in-naħħa ùieħed f'Xangaj u l-ieħor f'Manilla ma għandhomx x'jaksmu għal kaùùa ma daùc li haùn fl-Eùropa u għalhecc ma jistgħux minn hemm jistudjaùha tajjeb daks li chiecu għaddiet actar krib lejn l-Eùropa.

In-nucleù ta' cometa hu tant irkiek li minn taħtu tista tara għaddejja imkar cheùcba m'iż-żgħar u għalhecc meta jgħaddi minn kuddiem ix-Xemx ma jagħmel l-ebda dalma bħal ma jiġri fl-eclissi; u dana jisgurahulna il Prof: Archenhold ta'l Osservatorju ta' Treptow li f'il 5 ta' Dicembru li għadda ra in-nucleù ta'l Cometa Halley għaddejj minn fuk cheùcba bla ma ħbiha għal collox.

Il Pickering jifhem li in-nucleŭ ma hux magħmul minn bicca ŭaħda iżda minn ħafna bcejjeċ żgħar kiegħdin ħdejn xulxin ijgħumu f'gass irkiek u li aħna imħabba f'il bogħod naraŭhom bħal ħaġa ŭaħda. M'ix-xkuk bejn daŭn il bcejjeċ (meteori) ŭieħed jista jara il cŭiecheb għaddejjin.

Hemm xi astronomi li jridu jgħidu li id-denb ma jŭassalx sa'd-dinja, iżda il Prof: Barnard ta'l Osservatorju ta' Yerkes jisgurana li jcun tant tŭil li ingħaddu minn ġo fih.

★

Il Bouvet għamel proposta lil-*Societè Astronomique de France* biex ijtalla bħal balluni żgħar f'il għoli ferm biex jiġbor xi ftit m'il gass ta' denb il Cometa biex jaraŭ x'inhu; u il Guillaume, ijrid ijsibhom billi jdeŭŭeb l-arja. Li f'denb il cometi hemm il gas tant velenus imsejjaħ cianogenu ġa jafuh iżda jcun tant ħafif li ma jagħmlilniex ħsara.

★

Nisimgħu issa x'ijgħid il għaref astronomu Camille Flammarion, id-Direttur ta'l famus Osservatorju ta' Juvisy, ħdejn Parigi, chemm il darba il Cometa taħbat magħna b'denbha. Dana kal li jecc tersak f'il krib tista tagħmlina ħsara cbira; iżda ma kalx li sejjra tersak f'il krib, biss kal li chif inhi rieska ma nistgħux inħossu ħlief ftit ta's-sħana barranija.

★

Il Prof: Riccò, ta'l Osservatorju ta' Catanja, hu ŭieħed m'il aħjar astronomi li tgħodd illum l-Italja. Nisimgħu mela ftit x'ijgħid fuk dina il Cometa.

M'il istudju li dana il għaref beda jagħmel bl-ispettroscopju ġa jista jgħid li in-nucleŭ hu magħmul minn xi ħaġa bicca magħkuda u oħra maħlula li minn ġo fihom ma jgħaddux raġġi ta'x-Xemx. Id-denb hu magħmul minn idrogenu u carbonju. Sabu ucoll, m'il fotografiji ta'l ispettroscopju, li hemm iċ-cianogenu u gass ieħor magħmul m'il azotu imħallat ma'l carbonju.

Fuk il pericolu il Prof: Riccò kal illi dina il bicca magħkuda ta'n-nucleŭ ma tistax tcun cbira ŭisk. Il Cometa Lassalle għaddiet, fl-1777 u fl-1779, darbtejn minn kalb il kmura ta'l pjaneta Gjovi minngħajr ma għamlitilhom l-ebda ħsara; m'hux biss iżda chienet hi li biddlet it-triek tagħha b'il ġbid ta'l gravitazzjoni tagħhom.

Dana l-astronomu jifhem ucoll li dana in-nucleŭ ma hux bicca sħiħa iżda magħmul minn ħafna bcejjeċ żgħar li jsejjħulhom metereoliti u aereoliti.

L-astronomu Schiapparelli chien ŭera chif il cometi cull tant jinferku u minnhom joħorġu ktajja minn daŭc il cŭiecheb li naraŭ cull tant jiġgerreŭ fl-arja.

Minn dana collu il Professur Riccò jifhem li chiecu anche chellha tolkotna b'in-nucleŭ dina il cometa ma tagħmlilniex ħsara hecc cbira li ittajjarna fl-arja. Biss ijcollna xita ta' gebel fuk rasna (u dina ma hi ħaġa xejn ġdida għa'd-dinja,) li tista biss tagħmel ħsara fejn u il min tolkot; iżda li m'hux li ittajjarna fl-arja maħruka bħal ma kalu xi oħrajn. Iżda billi m'id-dinja collha il bniedem ma jgħammarx ħlief fuk ŭaħda m'il erbgħa tagħha, actar jista jcun li tieħu cinqŭina ta'l-lottu, jgħid il Prof: Riccò, milli jaka fuk rasec aereolitu. Minn chemm ilhom jiftacru in-nies fl-istorja darba biss jafu li ŭaka m'is-sema aereolitu u katel bniedem u dana ġara krib Milan u aktgħu fuk ras min gie? fuk ras patri.

Barra minn dana inżidu ucoll li jecc il cometa għandha denbha tŭil ħafna miljuni u tista tolkotna bih, iżda il bicca jebsa ta' rasha ma hix cbira ŭisk u għalhecc trid tcun fula f'kargħa biex f'dac il cobor collu ta's-smeŭiet fejn għandha fejn timraħ chemm trid għandha tigi tolkot fukna li f'dac il cobor collu aħna żgħar ħafna, u għalhecc ijgħid:— « *la probabilità di un urto di esso (nucleo) con la terra è cosa appena possibile ma estremamente improbabile.* » Biss ijgħid li il gassijiet li fiha f'denbha jistgħu jokfluna bl-asfissija, għaliex iċ-cianogenu hu ŭieħed m'il akŭa veleni li nafu bihom. Iżda irridu niftacru li minn dana il velenu hemm ftit u imxerred ħafna li chemm chemm ŭieħed jista jati casu, u għaldakstant jecc jitħallat ma' l-arja tagħna ma hemm l-ebda pericolu li joktolna, billi fl-arja ma jcunx hemm actar gassijiet ħżiena milli jcun hemm ma dŭar xi fabbrichi ta'l ħġejjeġ ta'l chimica.

Inżidu ħaġ'oħra li billi dana id-denb gejj jiġri lejna b'giri li jŭaħħax u id-dinja kiegħda tiġri contra tiegħu b'giri ucoll cbir ħafna meta dana id-denb jaħbat ma'l arja tagħna titnissel sħana tant cbira li daŭna il gassijiet periculusi jinħarku jeŭ jinferku u m'il gassijiet li jitŭieldu minnhom ma għandniex għaliex nibżgħu għaliex ma jistgħu jagħmlulna l-ebda ħsara.

Aħna ġa għaddejjna darbtejn oħra minn ġo denb ta' cometa, fl-1819 u fl-1861, u l-astronomi biss chienu jafuh għaliex missierijietna u aħna ma intbaħna b'xejn; u fl-1872 u fl-1885 iltkajna ma'l frac ta'l Cometa Sella meta inferket u ħlief xita ta' cŭiecheb gerrejja ma rajna xejn

★

U x'sejjrin naraŭ f'is-sema f'id-dsatax ta' Mejju? Actarx l-arja titħaŭŭad, u naraŭ bħal daŭl ta'l aŭrora boreali; l-elettricità ta'l arja titkalleb, u nilmħu xita ta' cŭiecheb gerrejja. Jista jcun ucoll li billi tgħaddi f'il bogħod ħafna minn dana collu ma naraŭ xejn, bħal ma tgħidilna it-*Tribuna* fl-articolu li giebet fuk dina il Cometa, li minn darba għal l-oħra kiegħda dejjem tnakkas għalhecc m'id-dija tagħha, bħal ma hi kiegħda dejjem tnakkas m'il cobor ucoll, tant li meta jieħdulha ir-ritratt l-astronomi ma tidherx ħlief bħal cheŭcba imfarfra ħdejn l-oħrajn. U lankas nafu jecc id-denb hux sejjer jibka sa jasal ħdejna tant tŭil li jista jolkotna, u lankas nafu jecc jibkax miexi chif inhu gejj jeŭ jibdelx ir-rotta għaliex jecc jiġri dana jista jcun tŭil chemm ijcun tŭil ma jolkotniex sgur. Għaldakstant ma hemmx għaliejn ŭieħed ijsaħħan rasu li sejjer ijmut għal issa għaliex actar għandna għaliex nibżgħu m'il gassijiet li ħiergin ta' cull jum m'id-Drenaġġ, milli m'il gassijiet ta'l cometa, għaliex daŭc tasseŭ kiegħdin javvelenaŭlna l-arja ta' cull jum u kiegħdin ijgibulna ħafna mardijiet coroħ.

★

Naraŭ ftit issa x'ijgħid l-astronomu franciż Ernest Costet f'il ctieb tiegħu *L-astronomie pour tous.*

Dana jgħidilna li il għadd ta'l cometi hu cbir ŭisk u li meta lil cbir astronomu Kepler stakseŭh chemm hemm cometi f'is-sema dana ŭiegibhom:— « Daks li hemm ħut f'il baħar, » u frattant s'issa l-ebda ŭaħda għadha ma għamlet ħsara l'id-dinja. Ħafna nhom biex jergħgħu jidhru jridu ħafna snin u hemm min min ijrid għallankas disa t-elef sena. Fl-1856, meta chellha tidher il Cometa Biela, cullħadd chien xegħel li chienet gejja xi disgrazzja cbira iżda il għaref astronomu Arago kallhom li ma chienx hemm għal fejn jibżgħu għaliex dina il cometa chellha tgħaddi xi tmienin miljun chilometru bogħod m'id-dinja u hecc ġara billi għaddiet, bla ma ħadd biss intebaħ; u billi id-denb ta'l cometa dejjem jitbiegħed m'ix-xemx, scond Delandres, hemm xi ħaġa ħierġa dejjem m'ix-Xemx li teħeċċih minnha u li scond il calcoli li għamlu xi astronomi fuk MITEJN U

ŪIEĦED U TMIENIN li jintlagħbu favur tagħna, ūaħda biss tista titla contra tagħna u taħbat magħna il Cometa!

★

Induru issa biex naraū ftit x'kal fuk il Cometa Halley il għaref astronomu Isidoro Baroni, f'articolu sabiħ ieħor li deher fuk il-« LETTURA » ta' dana ix-xahar.

Dana jgħarrafna li il Cometa ūaslet fl-actar pont bogħod m'ix-xemx fl-1873 u chienet ħames miljardi u 277 miljun chilometru bogħod! Id-daūra collha li tgħamel hi ta' tnax il miljard chilometru! Dina t'issa hi id-disgħa u għoxrin dehra sigura ta'l Cometa scond Halley, Pingrè, Arago, Hind, Cowell u Crommelin. Luċju Anneū Seneca, il għaref filosofu ruman, chien l-eūūel ūieħed li studja il cometa ta's-sena 12 kabel Cristu, u li kal li il cometi huma pjaneti bħal l-oħrajn contra il fehma imkarrka ta' Aristotile li għix 350 kabel Cristu. Id-dehra ta'l Cometa f'is-sena 66 ūara Cristu ħabtet seūūa seūū ma'l martirju ta' San Pietru u ta' San Paūl u ma'l meūt ta' dana Seneca ucoll.

Ta' dana Seneca chien hemm ritratt ta'ż-żejt fuk il Purterija ta'l Cunvent ta'l Capuċċini ta'l Birgu (li ma nafx għadux hemm). Astronomu ieħor li beda jgħid bħal Halley li il cometi chienu pjaneti chien il franciż Maupertuis, fl-opra tiegħu *Figures des Astres* stampata f'Parigi fl-1742. Bl-ispettroscopju sabu li f'il cometi hemm il petrolju u l-acitelene u is-sodju barra m'iċ-cjanogenu li semmejna. Li ix-xemx tinbotta id-denb bogħod minnha kaluh Kepler, Olbers, Faye, Bredichin, Schiaparelli u Arhenius. Fl-1856 u 1864 ħargu żeūġ cotba b'it-taljan li ħabbru li billi chienu sejjrin jidhru żeūġ cometi cbar chienet sejjra tispiċċa id-dinja, il cometi dehru chif kalu iżda id-dinja għadha iddur sa'l-lum! Il Cometa f'it-tnax ta' Frar li ħareġ dehret f'għamla ta' bastun u f'il 5 ta' Marzu f'għamla ta' imreūūħa jeū bħal V miftuħa. Scond l-Osservatorju ta' Greenwich f'id-dsatax ta' dana ix-xahar għandha tidher l-aħjar f'it-3 u 22 sa'l 4 u 22 minuta ta' f'il għodu, u tcun miexja MIJA U ĦAMSIN DARBA actar minn balla ta' canun! Il cheūcba li tcun tidher fuk il Cometa tcun il pjaneta Marte dic id-dinja oħra li jifhmu li hemm in-nies ijgħammru fiha.

Ħafna astronomi tkassmu f'Madras (Indja), fl-Aūstralja, f'il Gżejjer Hawai u f'postijiet oħra f'il bogħod, biex ijcunu jistgħu jaraū għaddejja aħjar il Cometa. Ūara naraū x'ijgħidu u ingħarrfucom aħjar. Pastroff, fl-1819, chien ħa ritratt ta'l Cometa għaddejja minn fuk ix-Xemx. Fuk il pericolu jarġa jtenni li ma hemmx għaliex insaħħnu rasna. Dana l-articolu ta'l Baroni hu tūil, sabiħ u fih ħafna stampi interessanti iżda billi dac li kal conna ġa għidnih ma ridtx intenni.

★

M'il « PENNY MAGAZINE », numru 603, nieħdu li Nelson tūieled u ir-Regina Vittorja telgħet fuk it-Tron għal ħabta ta' meta dehret dina il Cometa; u jiena sgūr li il meūt ta'l mibchi Sultan Edūardu Sebgħa għad tibka tissemma, għad li ma għandhiex x'taksam, ma dehriet oħra ta' dina il Cometa. L-actar Cometa sabiħa li katt dehret chienet dic ta' Grosser, f'is-17 ta' Marzu 1843, u chienet tant tlekk li cullħadd chien jista jaraha bla tbatija ta' xejn. Il Cometa li inchixfet d'is-sena f'Johannesburg hi sabiħa u cbira daks dic ta' Halley u fl-erba xhur li ila tidher dehret b'inhar ucoll. It-tul ta' denbha hu xi disa miljuni mili bħal ma deher s'issa minn go't-teloscopju ta'l Osservatorju ta' Cambridge. L-aħjar studju kiegħed ijsir b'it-telescopju ta'l Professur Newall li hu l-acbar ūieħed ta'd-dinja. Dina il Cometa ta' Johannesburg hi miexja lejna b'il ħeffa ta' ħames miljuni mili f'is-siegħa!! Fl-aħħar tcun tidher b'il għajn. *Delta* li chiteb dana l-articolu kal li ma hux impossibbli li il Cometa tista taħbat magħha iżda anche jecc katt taħbat ma hemm l-ebda pericolu. Astronomu ieħor kal li jecc il cometa tilħakna b'il gass tagħha dana jagħmilna tant ferħana li cullħadd jakbdu bħal delirju ta' ferħ u ta' daħk sa chemm b'dana il ferħ u dana id-daħk, billi jcun tant kaūūi, cullħadd ijmut. Ejj għallankas jecc katt il cometa jogħġobha tħabbat rasha magħna immutu meūta suret in-nies, u għalhecc ma għandniex għaliex inseūūdu kalbna għaliex immutu f'is-sacra b'il ferħ. X'hemm isbaħ minn dan milli tmut tocrob f'kiegħ ta' sodda b'xi tračna f'dahrec?

Hemm min ijrid ijūaħħal fiha li hi il ħtija ta'l Etna, ta'l faūran ta' Parigi, ta't-terremoti u x'naf jien. Il ħaġa li jisguraūna minnha ix-xjenzjati hi li il Cometa hi u għaddejja tcarcar magħha il gassijiet ħżiena li hemm miġburin fl-arja u b'hecc tagħmlilna ħafna gid.

★

Il famus astronomu taljan Padre Alfani għamel dan l-aħħar conferenza sabiħa ħafna fuk il Cometa Halley li fiha kal dac collu, tista tgħid, li ġa għedt jien f'in-« Naħla » u għalhecc ma hemmx bżonn li ūieħed ijtennih. Fuk il biża kal li bili minn ġo denb il Cometa jidhru tajjeb il cūiecheb dana hu tant irkiek li l-arja tagħna hi tkila daks iċ-ċomb ħdejh, u jfehimna li malli tgħamel l-inkas nakra ċpar malajr jitgħatta collox, u minn ġo dana id-denb naraū il cūiecheb! Jgħidilna ucoll li dana id-denb hu actarx magħmul minn carbonju, li ma hux velenu jeū actarx xi fenomenu elettricu. Għaldakstant ūieħed ma għandux għax jokgħod jibża li sejjra tiġrilna xi ħsara billi ingħaddu minn ġo denb il Cometa għaliex ġa għaddejjna bla ma ġralna xejn. Ijżid ucoll li dina il Cometa chiecu chienet vapur-ta'l-art li jiġri mitt chilometru f'is-siegħa biex tagħmel id-daūra tagħha u jarġa jasal ħdejna chien ijrid 13,689 sena, u chiecu chienet balla ta' canun m'il ebar 765 sena!!! Mela kaūūu klubcom u la tibżgħu xejn!

Il għaref Prof. Milloswich, astronomu fl-Osservatorju ta'l Culleġġ Ruman, għamel il calculu meta għandha tcun tidher dina il Cometa f'ix-xahar ta' Mejju f'Ruma. Billi aħna krib ħafna għal Ruma nistgħu ingħidu li daūna il ħinijiet ijgħoddu għalina ucoll. Minn daūna nagħżlu li f'is-16 titla f'il 5·20 ta' f'il għodu u tinżel f'il 5·32 ta' f'il għaxija; f'il 21 titla f'is-7·09 ta' f'il għodu u tinżel f'id 9·52 ta' f'il għaxija; f'it-22 titla 8·09 a.m. u tinżel 10·28 p.m; f'it-23 titla 9·02 a.m. u tinżel 10·53 p.m; fl-24 titla 9·41 a.m. u tinżel 11·9 p.m; f'it-28 titla 10·52 a.m; tinżel 11·33 p.m; u f'it-30 titla 11·11 a.m. u tinżel 11.36 p.m.

# LOGĦOB.

It-tifsir ta'x-Xarada ta'l ġimgħa l-oħra hu:—

HUT - TAFA

## TAĦBIL IL MOĦĦ.

Peppi il Censa kallha:— « Zi. »
Hi ūieġbitu u kaltlu:—« Zi. »
D'il praspura chif inhi?

S.

Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu



**L' ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭħ fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

---

# GHA'N = NERVUSI!

Meta tħossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktugħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd jobogħdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja u tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn ijcolloc dic il marda li jsejjħulha

**NEVRASTENIJA**

u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ li tagħmillec ħafna gid hi

# L=ANTINEVROTICU

TA'L

**Prof: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il aħjar tobba ta'l Italja. Timbiegħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGHMEL BISS.

---

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

# INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caŭba.**

**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA

---

**SCOLA TA'T-TIFSIL.**

Fi Strada Reale, numru 32, f'Birchircara, infetħet Scola ġdida ta't-tifsil għa'r-rġiel u għa'n-nisa, collox fuk l-arti ta'l geometrija. Min ijrid jitgħallem ijmur għand il PROF: VINCENZO GRECH li gie ippremjat minn Accademji ta' Londra Parigi u Torino billi jaf ijfassal ħafna. Il ħinijiet huma m'it-8 ta' f'il għodu sa't-8 ta' f'il għaxija. Jbiegħ ucoll mudelli għal l-ilbiesi ta' rgiel u ta' nisa bi prezzijiet irħas.

**IS-SAHHAR FALZUN**

Billi dana ir-romanz patriu-originali intgħoġob ŭisk u ħafna li ma chienux imsieħbin f'in-« Naħla » xtieku jakraŭħ, dalŭakt toħroġ fi ctieb l-eŭŭel taksima. It-tieni taksima tibda tidher ma iddumx f'in-« Naħla » u m'hux sgur li ŭara toħroġ ucoll fi ctieb jecc l-eŭŭel taksima ma tinbiegħx collha.

---

# Tridu tfieku f'kasir zmien u b'nefka zghira m'id=

# DIABETE?

## Biex ma jibdielcomx uzau m'il actar fis il

# FERMENTIN

## li hu imfahhar hafna, chif hakku, m'il ahjar tobba.

Jinbigh il Belt fl-Ispizzeriji:— ta's-Sur A. Cumbo, Strada Rjali, 26; ta's-Sur Fabriz Borg, Sda Rjali, Nru. 267; ta's-Sur Fred Gera, Sda S. Giovanni, Nru. 4; ta's-Sur Stilon, Sda Rjali, Nru. 245; u f'St: Paul's Pharmacy, Sda S. Paolo, Nru. 277. Bormla ghand l-Ispizzjar G. Farrugia, Sda S. Paolo u Hal Kormi ghand l-Ispizzjari Nicola Spiteri u G'anni Gatt.

**Morru ghand l-Agent Morina ta' Strada Rjali ta'l Belt biex jaticom ctieb B'XEJN b'ic-certificati.**

## FLUS! FLUS! FLUS!

Min ijrid jixtri jeŭ ijbigħ titoli b'il premju jeŭ bl-imgħax, u l-actar ta'l **Ferrovia Turchia Europea, Credit Foncier, Croce Rossa** u oħrajn ijmur għand is-**Sur C. Bornaccini, Strada Forni, Nru. 87, il Belt,** cull jum barra m'il festi u il ħdud, m'it-tmienja sa nofsinhar, fejn jista jieħu ŭcoll cull informazzjoni oħra.

## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

**Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlak-ha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kiegh-din l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa ju-mejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand**

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

## STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

**fejn ijsib ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u fajjenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.**

# Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

**JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL**

GHAND L'AGENTI F'MALTA




# C. CAMILLERI & SONS

## 50 STR. MERCANTI IL BELT




CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**